# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 13**

**Rikors Maħluf Numru 740/2021 NC**

**Ballut Blocks Services Limited**

**vs.**

**Alex Mercieca**

Illum 24 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Ballut Blocks Services Limited (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2021 li jgħid hekk:

> *"1. Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u tlieta u sittin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€26,963.36) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi u materjal tal-bini inkluż drilling ta' bores, steel reinforcement, concrete u concrete mix mibjugħ bl-ingrossa u*

*kkonsenjat lil konvenut mis-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-konvenut, u dana kif jirriżulta mill-istatement hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'BBS 1'.*

*2. Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat ripetutament sabiex iħallas l-imsemmi ammont, huwa baqa' inadempjenti u ma ħallasx.*

*3. Illi għalhekk is-soċjeta' attriċi kellha tipproċedi b'din il-kawża sabiex titħallas dak dovut lilha.*

*4. Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment lill-esponenti.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, is-soċjeta' attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi, fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u tlieta u sittin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€26,963.36) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi u materjal tal-bini inkluż drilling ta' bores, steel reinforcement, concrete u concrete mix mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lil-konvenut mis-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-konvenut, u dana kif jirriżulta mill-istatement hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'BBS 1'.*

*2. Konsegwentament, tikkundanna lil konvenut, sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u tlieta u sittin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€26,963.36).*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk relattivi għall-mandat ta' sekwestru kontestwalment preżentat, oltre l-imgħax legali b'effett mill-31 ta' Lulju 2019 kontra l-konvenut li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni tiegħu".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Awwissu 2021 (*a fol.* 9) li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 u fejn ġie ordnat li r-Rikors Maħluf jiġi notifikat

lill-konvenut Alex Mercieca b'għoxrin jum żmien min-notifika biex iressaq ir-Risposta Maħlufa tiegħu.

Rat illi minkejja li l-konvenut Alex Mercieca ġie notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni skont Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa għażel li ma jressaq l-ebda Risposta Maħlufa u b'hekk, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022 il-Qorti ddikjarat li kien jinsab fi stat ta' kontumaċja.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjoni tagħha fir-rigward tat-talbiet tas-soċjeta' attriċi hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et** deċiża fit-22 ta' Ġunju 2005 fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[1] qalet hekk:

> "Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. *Vide* Kollez. Vol. XXIX P III p 35".

Illi dan ifisser li l-fatt li l-konvenut jinsab fi stat ta' kontumacja ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tas-soċjeta' attriċi. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabbilta' illi tindaga jekk it-talbiet tas-soċjeta' attriċi humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenut naqas milli jirrispondi għat-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf u milli jattendi għas-seduti tal-Qorti wara li huwa ġie debitament notifikat skont il-liġi.

Illi riferenza ssir għal dak li jipprovdi Artikolu 201 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

[1] Appell Ċivili Numru 273/2003/1.

> "Jekk il-konvenut jew l-avukat tiegħu, jew, fil-kawżi quddiem il-qrati inferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu, jonqos li jidher, il-kawża tista' tiġi maqtugħa skont il-liġi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegħ ta' dik ix-xhieda li l-Qorti tista' tqis li tkun meħtieġa, għad li huwa ma jkunx deher".

Illi dan huwa l-każ fil-każ odjern u ġialadarba l-konvenut ġie debitament notifikat skont il-liġi bil-proċeduri odjerni u hu ma ppreżenta l-ebda Risposta Maħlufa u la hu u lanqas l-avukat tiegħu ma dehru l-Qorti għall-kawża odjerna, għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża in eżami skont il-liġi u dan a bażi tal-atti ppreżentati u x-xhieda prodotti mis-soċjeta' attriċi *ai termini* ta' Artikolu 201 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, qabel ma' l-Qorti tagħmel dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti żżid tgħid li fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022, is-soċjeta' attriċi ppreżentat Nota li permezz tagħha ppreżentat kapitoli in subizzjoni tal-konvenut *ai termini* ta' Artikolu 698 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kapitoli baqgħu mhux imwieġba mill-konvenut li naqas milli jidher fis-seduta skedata għal dan l-iskop.

Illi billi s-subizzjoni hija biss waħda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tinġieb in sostenn tat-talba attriċi, huwa wkoll risaput li din il-prova waħedha mhux neċessarjament biżżejjed biex tissodisfa l-piż tal-prova inkombenti fuq is-soċjeta' attriċi għas-suċċess tal-pretensjoni tagħha[2]. In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-ġurisprudenza ssoktaw jaffermaw u jikkawtelaw ukoll illi tali prova waħidha mhux neċessarjament u bilfors għandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attriċi in kwantu dak l-istat miġjub *in essere* bil-kapitolu ma għandux ifisser li qed jintroduċi derogi għall-prinċipju tal-piż tal-provi. Il-Ġudikant m'huwiex marbut f'kull każ bil-konfessjoni li tista' tirriżulta min-nuqqas li jitwieġbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi

[2] *Vide* **Tabib Dr. Antonio Zammit et vs. Francesco Pace et**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' Ġunju 1952.

oħrajn li jirriżultaw mill-atti proċesswali, u dan in omaġġ għall-prinċipju *actor non probante reus absolvitur*.

**Ikkunsidrat**

Illi, fil-kawża odjerna, is-soċjeta' attriċi ssostni li hija kreditriċi tal-konvenut fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u tlieta u sittin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€26,963.36) liema ammont jirrappreżenta bilanċ ta' prezz ta' servizzi u materjal tal-bini, inkluż *drilling* ta' *bores*, *steel reinforcement*, *concrete* u *concrete mix* mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lil konvenut mill-istess soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-konvenut. In sostenn ta' dan, mar-Rikors Maħluf imsemmi ġie eżebiet *statement*, liema *statement* ġie mmarkat bħala Dok. "BBS 1" (*a fol.* 6 u 7). Is-soċjeta' attriċi ssostni wkoll li għalkemm il-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont imsemmi, huwa baqa' inadempjenti u ma ħallasx u kien għalhekk li s-soċjeta' attriċi kellha tipproċedi b'din il-kawża sabiex titħallas dak dovut lilha.

Illi dak li ngħad hawn fuq jirriżulta mir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi (*a fol.* 1 *et seq.*), li jikkontjeni dikjarazzjoni maħlufa (*a fol.* 3) ta' Francesco Caruana (rappreżentant tas-soċjeta' attriċi).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022, xehed l-**Avukat Massimo Vella** (*a fol.* 27) fejn filwaqt li xehed li huwa rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi, xehed ukoll li jinsab infurmat bil-fatti tal-kawża odjerna u kkonferma li minn meta ġie ppreżentat ir-Rikors Maħluf ma kien għadu sar l-ebda ħlas akkont u li l-ammont mitlub fir-Rikors Maħluf kien għadu kollu dovut.

Illi, fis-seduta tallum, ġie ppreżentat affidivat ta' **Pawlu Vella** (*a fol.* 32) fejn filwaqt li qal li huwa direttur tas-soċjeta' attriċi, qal ukoll li s-soċjeta' attriċi kienet għamlet xogħol lill-konvenut, liema xogħol kien jirrigwarda xogħol ta' *drilling* ta' *bores*, provvista ta' ħadid u xogħol ta' konkos. Jgħid li minħabba dan ix-xogħol, il-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u tlieta u sittin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€26,963.36)

u li minkejja li l-konvenut ġie mitlub iħallas diversi drabi, huwa baqa' ma ħallasx.

**Ikkunsidrat**

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, inkluż id-dokumenti eżebiti, il-Qorti jirriżultalha li ġie sodisfaċentement pruvat li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u tlieta u sittin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€26,963.36) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi u materjal tal-bini kif imsemmi fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi. B'hekk isegwi li l-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi u għaldaqstant ser tilqa' ż-żewġ talbiet tas-soċjeta' attriċi hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħha.

Illi, fir-rigward tal-imgħax mitlub mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha, il-Qorti tinnota li dan qed jintalab mill-31 ta' Lulju 2019 li jirriżulta li hija d-data ta' wieħed mill-i*statements* (Dok. "BBS – *a fol.* 6 u 7) anness mar-Rikors Maħluf. Il-Qorti tinnota li minn imkien ma jirriżulta li l-konvenut huwa kummerċjant.

Illi, dwar minn meta għandu jibda jiddekorri l-imgħax fil-kawża odjerna, il-Qorti tinnota li għandu japplika dak li jipprovdi Artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Iris Dalmas vs. Ronnie German et** deċiża fis-16 ta' Marzu 2005, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Għall-iskop tad-dekorriment ta' l-imgħax hu meħtieġ interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqiegħed *in mora*. Jiġifieri, *"una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione"* (Kollez. Vol. XVI P I p. 84)."

Illi fil-każ odjern ma jirriżultax li s-soċjeta' attriċi sejħet lill-konvenut b'att ġudizzjarju qabel ma fetħet dawn il-proċeduri biex

titħallas dak dovut lilha. Għalhekk ir-Rikors Maħluf għandu jitqies bħala l-att ġudizzjarju *ai fini* ta' Artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-konvenut ġie notifikat bir-Rikors Maħluf fit-2 ta' Diċembru 2021 wara li ntemmet il-proċedura tan-notifika bil-pubblikazzjoni u l-affissjoni u għalhekk hija minn din id-data li l-Qorti tqis li għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet.[3]

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddikjara li l-konvenut Alex Mercieca huwa debitur tagħha għas-somma ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u tlieta u sittin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€26,963.36) dovuta kif fuq spjegat;

(2) Tilqa' it-tieni talba tas-soċjeta' attriċi billi tikkundanna lill-konvenut Alex Mercieca jħallas s-somma ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u tlieta u sittin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€26,963.36) lis-soċjeta' attriċi, bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena li jibda mid-data tan-notifika tar-Rikors Maħluf, *ossia* mit-2 ta' Diċembru 2021, sad-data tal-ħlas effettiv.

Finalment, tordna li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenut Alex Mercieca.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**

[3] *Vide* **Matthew Falzon et vs. Alex Mercieca**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 25 ta' Jannar 2022; **Joseph Pisani et vs. David Mamo et**, Appell Superjuri, 27 ta' Settembru 2019; **George Zammit et vs. Alfred Zammit et**, Appell Superjuri, 31 ta' Mejju 2019.